A.L. 50 ta' l-2006

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME*
(KAP. 123)

Regolamenti ta' l-2006 dwar Fond għall-*Venture Capital*
(Kreditu ta' Taxxa)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 14(2) u 96 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income,* il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2006 dwar Fond għall-*Venture Capital* (Kreditu ta' Taxxa). Titolu.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra- Tifsiriet.

"l-Att" tfisser l-Att dwar it Taxxa fuq l-*Income;*

"ċertifikat ġdid" tfisser ċertifikat maħruġ mill-Kummissarju skond ir-regolament 4;

"ċertifikat ta' kreditu ta' taxxa" tfisser ċertifikat maħruġ mill-Kummissarju skond ir-regolament 3, jew ċertifikat ġdid skond ma jkun il-każ;

"*designated venture capital fund"* tfisser skema ta' investiment kollettiv –

(a) li tkun fond preskritt għall-għanijiet ta' l-artikolu 41A(b) ta' l-Att; u

(b) meta t-titoli li skema bħal din tkun ħarġet ikunu titoli li jkunu elenkati fuq borża rikonoxxuta taħt l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji; u

(ċ) li jkun ġie msemmi bħala tali mill-Korporazzjoni permezz ta' tismija li ma tkunx ġiet imħassra; u

(d) li fiha l-Korporazzjoni jkollha titoli*;* u

(e) li tkun ġiet imwaqqfa bil-għan li jiżdied l-ammont ta' kapital f'investiment privat li jkun disponibbli għall-

kumpanniji ibbażati f'Malta fl-istadju inizjali jew fi stadju bikri ta' żvilupp ta' negozju kif ukoll biex tipprovdi finanzjament għal proċessi, idejat u teknikalijiet innovattivi; u

(f) li dwaru l-Korporazzjoni tkun infurmat lill-Kummissarju bid-dettalji rilevanti msemmija fil-paragrafi (a),(b), (c), (d) u (e) ta' din it-tifsira;

"il-Korporazzjoni" tfisser il-Korporazzjoni Maltija għall-Intrapriża.

Kif jintbagħat ċertifikat dwar kreditu ta' taxxa.

3. (1) Minkejja kull obligazzjoni dwar segretezza jew kunfidenzjalità, jew kull restrizzjoni oħra dwar żvelar ta' informazzjoni imposta b'xi liġi-

(a) meta *designated venture capital fund* joħroġ titoli lill-investituri, dan għandu jinforma lill-Kummissarju b'dan il-ħruġ; u

(b) *designated venture capital fund* għandu, fuq talba li ssir, jagħti lill-Kummissarju l-informazzjoni kollha neċessarja għall-iskop ta' kull ħtieġa ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Meta l-Kummissarju jirċievi avviż minn *designated venture capital fund* dwar xiri ta' titoli minn investituri, u jkun sodisfatt li dawn it-titoli jkunu attwalment tħallsu, huwa għandu joħroġ u jibgħat ċertifikat ta' kreditu ta' taxxa lil kull persuna li tkun qed takkwista it-titoli.

(3) Kull ċertifikat ta' kreditu ta' taxxa għandu jkun fih id-data u numru konsekuttiv u għandu juri:

(a) l-isem tad-*designated venture capital fund*;

(b) id-dettalji li jkunu jidentifikaw it-titoli li jkunu nxtraw;

(ċ) il-valur nominali totali tat-titoli li jkunu nxtraw;

(d) dikjarazzjoni li ċ-ċertifikat ikun jagħti dritt għal kreditu ta taxxa kif provdut f'dawn ir-regolamenti;

(e) l-isem tal-persuna lil min ikun inħareġ iċ-ċertifikat ta' kreditu ta' taxxa u, jekk jkun individwu, in-numru tal-karta ta' l-identità jew tal-passaport tiegħu jew, jekk tkun kumpannija inkorporata f'Malta, in-numru tar-reġistrazzjoni bħala kumpannija li jkollha jew, f'kull każ ieħor, dawk id-dettalji li l-Kummissarju

jista' jikkunsidra li jkunu suffiċjenti biex jidentifika sew lil dik il-persuna jew lil dik il-kumpannija.

Bdil ta' ċertifikat ta' kreditu ta' taxxa.

4. (1) Meta persuna tiddikjara bil-miktub li tkun is-sid legali ta' ċertifikat ta' kreditu ta' taxxa u tavża lill-Kummissarju bil-miktub li dan ċ-ċertifikat ikun intilef, jew ġie misruq, jew ġie meqrud jew li dan ma jintgħarafx iżjed, hija tista' tapplika għand il-Kummissarju biex joħroġilha ċertifikat ġdid.

(2) Meta l-applikazzjoni għal ċertifikat ġdid tkun magħmula biex jinbidel ċertifikat li ma jintgħarafx iżjed, ic-ċertifikat oriġinali għandu jiġi ċedut lill-Kummissarju fl-istess waqt li ssir l-applikazzjoni.

(3) Il-Kummissarju jista' joħroġ u jibgħat lil min ikun applika ċertifikat ġdid jekk dan ikun sodisfatt li l-applikazzjoni tkun saret *bona fide* iżda l-Kummissarju jista' ma jilqax l-applikazzjoni mingħajr ma jagħti ebda raġuni għal dan.

(4) Qabel ma jilqa' applikazzjoni taħt dan ir-regolament il-Kummissarju jista' jitlob lil min ikun applika biex jagħti dik il-garanzija, sigurtà u indennizz kif ikun jidhirlu li jkun adatt.

(5) Ċertifikat ġdid għandu jkun konformi mar-subregolament (3) tar-regolament 3 u għandu wkoll juri ċar li jkun ċertifikat ġdid.

(6) Il-Kummissarju għandu jinnota u jirreġistra kull ċertifikat originali jew ċertifikat ġdid.

Talba għall-kreditu ta' taxxa.

5. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tar-regolament 6, il-persuna identifikata fuq ċertifikat ta' kreditu ta' taxxa tista' titlob kreditu ta' taxxa ekwivalenti għal tletin fil-mija (30%) tal-valur nominali totali li jkun jidher fuq dak ic-ċertifikat wara li dan ic-ċertifikat jkun ġie ċedut lill-Kummissarju:

Iżda dak iċ-ċertifikat jista' jiġi ċedut biss wara li tgħaddi t-tielet sena mid-data meta l-persuna li jkollha ċ-ċertifikat tkun akkwistat it-titoli li jkunu tawha d-dritt li tapplika għaċ-ċertifikat:

Iżda wkoll, il-persuna li ċċedi ċ-ċertifikat trid tkun ilha detentriċi tat-titoli msemmija fil-proviso ta' qabel matul it-tlett snin msemmija:

Iżda anki illi l-ammont massimu ta' kreditu ta' taxxa li jintalab minn persuna għas-snin ta' stima kollha rilevanti meħudin flimkien m'għandux ikun aktar minn Lm 150,000.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subregolament (3), il-kreditu ta' taxxa għandu jingħata bħala tnaqqis mit-taxxa imposta

fuq l-*income* tal-persuna identifikata fuq iċ-ċertifikat għas-sena ta' stima li tibda fl-1 ta' Jannar tas-sena li tiġi immedjatament wara s-sena li fiha jkun ġie ċedut iċ-ċertifikat kif hawn qabel imsemmi, u kull ammont li ma setax jingħata għal dik is-sena ta' stima għandu jiġi avvanzat u meqjus bħala kreditu ta' taxxa, li għandu jiġi mnaqqas mit-taxxa imposta fuq il-qligħ jew il-profitti miksuba minn dik il-persuna fis-snin ta' wara: iżda l-ammont massimu ta' kreditu ta' taxxa li jista' jintalab u li hu msemmi fit-tielet proviso mas-subregolament (1) ma għandux jinqabeż.

(3) Kreditu ta' taxxa li jingħata skond dan ir-regolament jista' biss jagħti lok għal talba valida għar-rifużjoni ta' taxxa meta jirriżulta li, wara li jitqies dak il-kreditu ta' taxxa, dik it-taxxa tkun tħallset iżjed milli suppost titħallas għal xi sena ta' stima partikolari, kemm jekk dik it-taxxa tkun tħallset permezz ta' tnaqqis kemm jekk xort'oħra.

(4) Meta ċertifikat ta' kreditu ta' taxxa jkun ġie ċedut kif hawn qabel imsemmi, dan ma jkunx jista' jintbagħat lura lill-persuna li tkun ċeditu jew jingħata jew jiġi trasferit lil xi persuna oħra.

Talbiet li ma jistgħux jintlaqgħu.

6. L-ebda talba għal-kreditu ta' taxxa ma tista' tintlaqa' jekk talba tkun diġa' saret dwar iċ-ċessjoni ta' ċertifikat oriġinali jew ta' ċertifikat ġdid maħruġ minflok l-imsemmi ċertifikat oriġinali.

Indennizz.

7. Il-Kummissarju u kull persuna li taġixxi f'ismu huma indennizzati kontra kull talba, tkun xi tkun, li toriġina mill-ħruġ, kunsinna jew bdil ta xi ċertifikat jew l-għoti ta' xi kreditu ta' taxxa taħt dawn ir-regolamenti.

Tħassir ta' *designated venture capital fund*.

8. (1) Il-Kummissarju għandu jqis li t-tismija dwar *designated venture capital fund* tkun ġiet imħassra f'dik id-data meta l-Korporazzjoni tħassar dik it-tismija jew f'dik id-data li fiha l-entità rilevanti ma tibqax tikkonforma ruħha mat-tifsira ta' *designated venture capital fund* kif provdut fir-regolament 2, skond liema data tiġi l-ewwel.

(2) Meta l-Kummissarju jqis li din it-tismija tkun ġiet mħasssra kif hawn qabel imsemmi, huwa għandu jqis li ċ-ċertifkati ta' kreditu ta' taxxa rilevanti li ma jkunux ġew ċeduti sad-data ta' dak it-tħasssir bħala li ġew ċeduti fid-data ta' dak it-tħassir:

Iżda dawk iċ-ċertifikati jistgħu jiġu ċeduti skond id-disposizzjonijiet tas-subregolament (1) tar-regolament 5:

Iżda wkoll id-detentur taċ-ċertifikat għandu jċedi l-imsemmi ċertifikat mhux aktar tard min sitt xhur mid-data ta' dak it-tħassir.